MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 333/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Carmela Bilke**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniiet migjuba kontra:

Carmela Bilke ta’ 37 sena mart Ian Morris Bilke, bint George Portelli u Catherine xebba Sciberras, imwielda Pieta’, nhar it-23 t’April, 1970 u residenti Nru 4, Flat 1, Triq San Rokku, Bormla u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ Nru 244670M.

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-3 t’Awwissu, 2007 u fix-xhur ta’ qabel:

Bieghet jew xorta’ ohra traffikat ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha;

Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha fil-pussss taghha din id-droga u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2010, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ir-rakomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia li kkonkludiet il-*Pre-Sentencing Report* taghha hekk:[1]

*"Din ir-rakkomandazzjoni hija bbazata fuq il-fatt li f'dan il-kaz il-ligi hija wahda tassattiva ta' prigunerija u n-natura tar-reat hi wahda serja. Minkejja dan wiehed ma jistax jeskludi l-fatt li skont l-intervista li saret mal-Ispettur Victor Aquilina, l-imputata kkoperat mal-pulizija fil-fazi investigativa tal-kaz kif wkoll ikkoperat mal-Ufficjal tal-Probation tul il-kumpilazzjoni tar-rapport. Minbarra dan, tajjeb li jittiehdu in konsiderazzjoni r-rabtiet li Carmela Bilke ghandha mal-familja taghha u r-responsabbilitajiet li hi assumiet fil-konfront taghhom, kif ukoll il-progress konsiderevoli li hi ghamlet fil-konfront tal-vizzju tad-droga.*

[1] Ara fol. 26 tal-process.

*Fid-dawl ta' dan kollu l-Ufficjal tal-Probation qed tirrakkomanda li din l-Onorabbli Qorti timmira lejn il-minimu taz-zmien li tista' tehel ghal dan il-kaz."*

Fil-fatt jirrizulta anke mid-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur f'dawn il-proceduri, li l-imputata kkoperat mal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni u tatu informazzjoni utli li waslet ghall-arrest ta' terzi persuni. Fil-fatt fis-seduta tas-16 ta' Frar 2011, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ghandha tibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi tnaqqis fil-piena ta' prigunerija ta' zewg gradi.

Pero irid jinghad ukoll li mill-provi migjuba jirrizulta li l-imputata inqabdet *red-handed* mill-Pulizija bi blokka resina tal-cannabis li kellha piz ta' 135.35 grammi.[2]

Inoltre, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni bikrija – fil-fatt fl-ewwel seduta intiza ghal provi - u b'hekk ma hlietx il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-Pulizija.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputata, ghalkemm mhix wahda netta, lanqas hija wahda allarmanti. Hija ghandha tlett kundanni minn dawn il-Qrati, wahda ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, kundanna relatata mal-ligi dwar il-Valur Mizjud u reat iehor dwar l-ipprezzar ta' prodotti li jinbieghu bl-imnut.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li t-tieni imputazzjoni fic-citazzjoni, u cioe dik ta' pussess aggravat tad-droga, hija alternativa ghall-ewwel imputazzjoni tat-traffikar tad-droga.

Huwa vera li jidher li l-imputata issa qabdet it-triq it-tajba u m'ghadhiex tabbuza minn sustanzi illeciti. Hija qieghda wkoll tassumi r-responsabbilitajiet taghha lejn iz-zewg uliedha u l-membri tal-familja taghha, kif osservat l-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha u kif xehdet Tanya Chetcuti, *family therapist*, fi hdan l-Agenzija Appogg.[3] Pero dawn il-fatti ma jezimux lill-imputata mill-piena ghar-reati li taghhom instabet hatja, in partikolari dak tat-traffikar ta' droga. Dan aktar u aktar meta l-

[2] Ara rapport tal-Espert Xjenzat Godwin Sammut a fol. 18 tal-*Proces-Verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 9 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Tanya Chetcuti a fol. 29 *et seq.* tal-process.

legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat tat-traffikar tad-droga in dizamina (Artikolu 22(9) Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan effettivament ifisser li meta persuna tinstab hatja ta' traffikar ta' droga, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa, u l-Qorti hija prekluza milli tinfliggi piena ta' prigunerija u multa inqas mill-minimu stabbilit bil-ligi.

Pero, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ta' prigunerija ghandha tinghata fil-minimu possibbli stabbilit mil-ligi u cioe dak ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta*

*li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(b) u 8(c), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha, u tikkundannaha ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u wiehed u disghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€191.38) – ekwivalenti ghal tnejn u tmenin Lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm82.16) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti mal-*proces verbal* jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------